# GĦAR QAWQLA

*Kuljum mijiet u eluf ta' drabi fuqek*
*kont nixħet ħarsti mxennqa*
*fl-ewwel sbatax-il sajf l' għaddejt ta' ħajti*
*hemm fuq, biswit il-Menqa.*

*Inti bi ġmielek sebbaħtilna l-*Marsa,
*tagħna r-Rabtin il "ġenna",*
*u bħal* Forn *kbir kont tajtna jiem il-hena,*
*ħobżiet ta' l-oħla benna.*

*X'għaxqa kien fik! Mas-sebħ tal-għodu kmieni*
*fi bjad il-baħar tagħna*
*konna naraw xbiħ'tek tirtogħ'd, titliegħeb,*
*inkella tgħum serħana,*

*Waqt li x-xemx tisreġ fuqna għal wara l-għaxra,*
*u l-baħar għors bl-għawwiema,*
*bħal missier għaqli tgħasses fuq is-sikka*
*lill-ħafna bniet iltiema.*

*Mill-banda l-oħra x'biża' kont tnissilli*
*ġo qalbi hekk ferrieħa*
*narak bħal tawr mitluf mal-mewġ tissara*
*ittih b'dik rasek sħiħa.*

*Jekk il-baħar qalil dejjem jeħodha*
*miegħek, snienu bir-ragħwa,*
*mhux anqas minnu tilqgħu, waħda f'waħda,*
*b'għajta li tkexkex, b'dagħwa.*

*Alla jaf biss is-snin li l-grigal ilu*
*kiefer jagħtik bil-ħarta:*
*tal-ġlieda ħarxa sa l-arloġġ tal-knisja*
*kien jixba' jgħodd kull kwarta.*

*Għalxejn twebbist: il-għadu hu aqqal minnek*
*daħkan ir-riħ ħa fuqek,*
*u lejn il-ħofra ta' l-istess belliegħtek*
*rebbieħ qiegħed isuqek.*

Patri Ġ. Meylaq, S.J.